TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 104/12 (JE).

Svetlana Formosa

vs

Melita p.l.c.

Illum, 10 ta' Ġunju 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Svetlana Formosa tas-16 ta' April 2012 fejn stqarret illi l-attriċi abbonat għas-servizz ta' "Mobile and Data Services" offrut mis-soċjetà konvenuta fis-26 ta' Settembru 2011. Illi l-attriċi għamlet dan billi ffirmat "service application form" fil-lingwa ngliża illi kellha sensiela ta' termini u kundizzjonijiet. L-attriċi stqarret ukoll illi hija għamlet dan wara illi f'diversi okkażjonijiet u wara domanda espliċita, ġiet infurmatha verbalment illi l-massimu illi kellha tħallas għal dan is-servizz kien ta' € 15 fix-xahar. Madankollu, l-attriċi rċeviet żewġ kontijiet, wieħed ta' l-1 ta' Novembru 2011 fl-ammont ta' € 625.02 bħala "usage fee" u € 18.75 bħala "excise tax" u ieħor tal-1 ta' Diċembru 2011 għal € 94.81 u € 2.84 rispettivament. Illi meta l-attriċi pprotestat dwar dawn il-kontijiet, is-soċjetà konvenuta kkwotat il-klawsola 1.2 tas-"Service Application Form" li kienet tistipula li l-istess Formula kellha "tinqara flimkien mat-termini u kundizzjonijiet tas-servizz applikabbli", liema termini u kundizzjonijiet kienu disponibbli mis-sit tagħha. It-termini u kundizzjonijiet applikabbli kienu dawk tal-"Internet & On the Move Bundle". Illi l-attriċi qiegħda ssostni illi hija ma setgħetx tkun taf dwar dawn it-termini u kundizzjonijiet illi għalihom ma kien hemm l-ebda referenza għalihom fl-imsemmija klawsola 1.2 tas-"Service Application Form" u saret biss taf bihom wara li rċiviet l-ittra tas-soċjetà konvenuta. Illi fi kwalunkwe każ, kemm is-"Service Application Form" kif ukoll it-termini u kundizzjonijiet ma jispeċifikawx id-"Data Bundle Tariff plan" applikabbli. Għaldaqstant, l-attriċi talbet illi dana t-Tribunal jordna lis-soċjetà konvenuta tirtira l-kontijiet imsemmija u jillikwida arbitrio boni viri d-danni morali għall-inkonvenjenza sofferta mir-rikorrenti u jordna l-ħlas ta' l-istess danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha rrespinġiet it-talbiet attriċi in toto. Hija qalet illi l-attriċi abbonat għas-servizz tal-"mobile and data internet" ("Internet and on the Move Bundle") u bbenefikat minn dongle b'xejn. Barra minn hekk, issottoskriviet għas-servizzi tat-televiżjoni, telefonija fissa u mobbli u internet. Illi d-"data bundle" illi l-attriċi ssottoskriviet għalih għandu limitu ta' 10GB fix-xahar u meta jinqabeż dan l-ammont, il-klijent jiġi ffatturat bir-rata ta' € 0.10 għal kull 1 MB.

Ra l-kontro-talba tas-soċjetà rikonvenjenti illi fiha talbet illi l-attriċi rikonvenuta tħallas l-ammont ta' € 1,043.27 għar-raġunijiet imsemmija fl-istess kontro-talba.

Ra r-risposta tal-attriċi rikonvenuta fejn ikkontestat il-kontro-talba tas-soċjetà rikonvenjenti u allegat illi hija ma kienetx f'posizzjoni illi ssir taf it-tariffi tas-servizzi tas-soċjetà rikonvenjenti illi abbonat għalihom.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-attriċi qiegħda tafferma illi meta abbonat għas-servizzi mogħtija mis-soċjetà konvenuta, hija ġiet assigurata ripetutament illi kulma kellha tħallas kien €15 fix-xahar. Dana ġie kkonfermat bix-xhieda ta' oħtha Chantelle Formosa illi s-soċjetà konvenuta l-anqas assoġġettat għall-kontro-eżami. Illi mid-dokumentazzjoni ampja illi ġiet allegata mill-attriċi mal-avviż tagħha, ma jirriżulta imkien illi għas-servizz illi ssottokriviet għalih l-attriċi kienet tapplika t-tariffa illi qiegħda tippretendi s-soċjetà konvenuta meta r-rata ta' skarikar jeċċedi 10 GB fix-xahar, jiġifieri ta' € 0.10 għal kull MB. Illi t-Tribunal jidhirlu illi l-ekwivoċi kollha illi qamu f'dan il-każ kienu jiġu evitati kieku s-soċjetà konvenuta fformulat applikazzjoni għas-servizzi tagħha illi fiha kien hemm imniżżel ċar t-tariffi kollha applikabbli. M'huwiex aċċettabli illi konsumatur sabiex ikun jaf x'għandu jħallas, irid joqgħod jagħmel referenza għas-sit tal-kummerċjant kif qed tippretendi, fl-aħjar ipotesi, is-soċjetà konvenuta. Mill-banda l-oħra, jidher illi l-unika prova illi tas-soċjetà konvenuta illi tali tariffa hija applikabbli hija d-dokument "MP" imma l-istess s-soċjetà konvenuta aċċettat illi ma tistax tipprova illi l-attriċi kienet rat tali dokument meta ffirmat il-kuntratt, Dok. SF 1.

Illi għaldaqstant, is-soċjetà konvenuta ma ppruvatx fil-grad illi titlob il-liġi illi l-attriċi kienet taf bit-tariffa illi kellha tapplika għas-servizz illi abbonat għalih u għalkemm, is-soċjetà rikonvenjenti pproduċiet l-ammont ta' data illi l-attriċi rikonvenuta kienet skarikat (għalkemm tali nformazzjoni l-anqas ma ġiet maħlufa), it-Tribunal ma jistax jilqa' l-kontra-talba tas-soċjetà rikonvenjenti peress illi ma resqet l-ebda prova konkreta illi l-attriċi kienet taf illi l-iskarikar mensili ta' data in eċċess ta' 10GB jattira tariffa addizjonali ta' € 0.10 għal kull1 MB. Illi inoltre, l-anqas ma ġie ppreżentat xi resokont ta' kif is-soċjetà rikonvenjenti għamlet il-konteġġi tagħha.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad it-talbiet rikonvenzjonali u konsegwentament, m'għandhux għalfejn jikkunsidra l-ewwel talba attriċi stante karenza ta' interess ġuridiku. L-anqas ma' t-

Tribunal jidhirlu illi jeżistru l-estremi għall-imposizzjoni ta' danni morali fuq is-soċjetà konvenuta kif qed titlob l-attriċi u qed jiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi.

Għaldaqstant, it-Tribunal, prevja illi qiegħed jiċħad it-talbiet rikonvenzjonali, qed jastjeni milli jieħu konjizzjoni tall-ewwel talba attriċi fil-waqt illi qiegħed jiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi.

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.